**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 238/18 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fil-15 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-12 ta' Mejju, 1991 (Dok. A anness) u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, D li twieled nhar id-19 ta' Lulju, 1992 u E li twieldet nhar it-28 ta' Gunju, 1994;

2. Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Settembru, 2012 (Dok. B anness);

3. Illi skond l-istess sentenza l-ebda manteniment m'huwa dovut ghall-konvenuta, filwaqt li l-esponent qatt ma talab u/jew pretenda manteniment ghalih; jinghad ukoll illi ormai l-ulied huma adulti u ghalhekk lanqas hemm manteniment dovut ghalihom;

4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, huma ilhom ighixu hajja totalment separata sa mis-sena 2003 u llum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan l-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dan taht kull provvediment li jidhrilha xierqa u opportun.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet illi:-

1.Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza datata 28 ta' Settembru, 2012.

2.Illi l-attur kien ilu biex ihallas diversi spejjez hekk kif gew decizi mill-kawza ta' separazzjoni u minkejja li kien interpellat diversi drabi baqa' inadempjenti, izda recentement proprju sabiex jimpika qabbad u ddepozita permezz ta' cedola ammont li kien ferm inqas minn dak li kien dovut bhala ekwiparazzjoni u ghalhekk mhux gust li l-esponenti tiehu ammont inqas minn dak dovut peress illi l-ispejjes jonqsu mill-ammont depozitat;

3.Illi inoltre, l-esponenti tixtieq tigbed l-attenzjoni tal-Onorabbli Qorti illi l-attur ghadu sa llum ma hallasx l-ispejjez li kellu jhallas tal-kawza tas-separazzjoni u kontijiet tad-dawl u ilma li jammontaw ghal €3, 629.63 kif ukoll l-interessi mid-data tas-sentenza sallum li kienu kollha gew decizi fis-sentenza ta' Settembru 2012 (kopja tal-ittra ufficjali annessa u mmarkata bhala Dok. A);

4.Illi inoltre ghad hemm numru ta'affarijiet li ma gewx determinati fis-sentenza ta' separazzjoni u fil-fatt l-esponenti fethet medjazzjoni bl-ghan li jintlahaq ftehim dwar dawn;

5.Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet m'ghandhomx jintlaqghu sakemm ma jsirx il-hlas dovut.

**FATTI**

1. Il-konjugi B sseparaw fis-sena 2012 u li llum ighixu hajja separata minn ma' xulxin.
2. Illi nghatat sentenza ta' separazzjoni li giet ikkonfermata fl-appell fit-28 ta' Settembru, 2012 u skond l-istess sentenza l-esponent gie ordnat ihallas sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti u parti minn dan l-ammont thallas lill-avukata tal-intimat, filwaqt li r-rimanenti jghid ir-rikorrent kienu thallsu b' çedola l-Qorti. Ir-rikorrent ma setax jikkonferma jekk dawn kienu spejjes bhala ekwiparazzjoni;

3. Illi r-rikorrent ighid ukoll illi huwa ukoll kien kreditur tal-intimata.

4. L-intimata tghid li skond sentenza tal-Appell numru 38/2004 deciza fit-28 ta' Settembru, 2012 ir-rikorrent kellu jhallas l-ammont ta' €4, 915.36 bhala ekwiparazzjoni. Tghid li r-rikorrent gie nterpellat diversi drabi u ntbaghtet ittra legali fis-7 ta' Mejju, 2013.[1] Imbaghad fil-15 ta' Mejju, 2018 fetah il-proceduri ta' divorzju u fl-istess gurnata minflok hallas l-ammont li kellu jhallas, iddeposita l-ammont ta' €4,9125,25 permezz ta' cedola ta' depozitu. L-intimata tinsisti li hi qatt ma rrifjutat dan l-ammont minkejja li ma jirriflettix l-ammont ezatt, izda r-rikorrent agixxa b'dan il-mod biex ikun vendikattiv u peress li kien jaf li biex tizbanka c-cedola kienet ser tiehu ammont anqas.[2]

[1] Dok.MC 1 anness mal-affidavit tar-rikorrenti.
[2] Dok.MC 2 anness mal-affidavit tar-rikorrenti.

5. L-intimata tikkonferma ukoll li r-rikorrent ma kienx hallas l-ispejjes relatati mal-kaz, kif mahruga mit-taxxa tal-Qorti. Tghid li kien hallas biss lill-avukat u lill-prokuratur legali d-dritt fuq is-sentenza, filwaqt li l-ammont tal-ispejjes li hallset l-intimata u cioe' s-somma ta' €2,025.83 dawn kien ghadhom pendenti.[3]

6. L-intimata tispjega ukoll illi kien hemm bilanc tal-kont tad-dawl u l-ilma fuq il-fond garaxx fi Triq il-Htajriet, Mosta li kellhom jithallsu ukoll u dan il-kont kien jammonta ghal €1,603.80 u minkejja li l-Qorti ma qalet xejn dwar min ghandu jhallas, dawn kellhom jithallsu mir-rikorrenti. Sadanittant dan il-kont kien ghadu jghajjat lir-rikorrent peress li kien ghad hemm l-arretrati fuq l-istess kont u sakemm jigi saldat ma setax idur ghal fuqha.[4]

7. L-intimata ssemmi ukoll li l-bilanc li kien hemm fil-kont mal-National Westminister Bank kellu jinqassam bejniethom skond is-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2012, izda permezz ta' *malafede* da parti tar-rikorrent, tghid li rnexxielu jizbanka l-bilanc f'dan il-kont u sahansitra jew hu jew xi hadd imqabbad minnu ffirma ghan-nom taghha. L-intimata tinsisti li qatt ma kienet iffirmat dan id-dokument u kien ghalhekk li kellha tikkomunika man-Natwest Bank fuq medda ta' xhur u talbet informazzjoni fuq il-kontijiet kongunti li kellhom hi u z-zewgha r-rikorrent. Wara diversi tentattivi kienu baghtulha kopja tal-istatements bil-kont maghluq.[5] Irrizultalha li r-rikorrent kien tahom indirizz postali b'sostituzzjoni ghal taghha u rrizulta ukoll li kien biddel in-numru tal-mobile ghal 00356 79288151 u dan ma kienx tieghu, izda ta' FG, li kienet tghix mieghu.

---

[3] Dok.MC 3 anness mal-affidavit tar-rikorrenti.
[4] Dok.MC 4 anness mal-affidavit tal-intimata.
[5] Dok. MC 5, MC 6 u MC8.

Per konsegwenza, gie pprecizat illi nofs il-bilanc ta' £870.34 gew mghoddija lir-rikorrent minn Natwest permezz ta' cekk u n-nofs l-iehor tal-bilanc £88.11 gew depositati ma' kont bankarju mizmum gewwa APS Bank, f' Tower Rd, B'Kara f'isem ir-rikorrenti. Flimkien kien hemm ghalhekk ammont ta' £479.22 u dan ghandu jigi ddepositat fil-kont bankjarju tar-rikorrenti mal-HSBC. L-intimata tichad li kienet gibdet xi ammonti mill-kont wara li nghatat s-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2012. Tghid li kien ir-rikorrent li gibed l-ammonti minghajr kunsens jew awtorizzazzjoni u zammhom ghalih.

8. L-intimata ghamlet prospett biex tindika l-ammont ta' kreditu favuriha li r-rikorrent ghad ghandu xi jhallas mit-28 ta' Settembru, 2012 u dan jirrizulta mill-affidavit taghha stess.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Jekk konjugi jkunu diga' sseparaw permezz ta' kuntratt jew skond sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), id-divorzju jwassal biss ghax-xoljiment taz-zwieg, izda mhux qabel jigu ssoddisfatti certu kriterji.

Dan huma riflessi fl-Artikolu 66B tal-Kap.16 li jikkontempla illi ***"d-divorzju ma jistax jinghata hlief b'talba ta' zewg persuni mizzewwga flimkien jew ta' wahda minnhom kontra l-ohra, u sakemm il-qorti tkun soddisfatta li:***

***(a) Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewwgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

(b) ***Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin;***

(c) ***Il-mizzewwgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skond ic-cirkostanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57;”***

Il-ligi tmur oltre u taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 66 (D)(2) tghid hekk:

***“Fejn il-mizzewwgin ikunu diga’ separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti, il-persuna mizzewwga li tkun qed taghmel it-talba ghad-divorzju tista’ tressaq biss talba ghall-hall taz-zwieg. Il-parti l-ohra tista’ tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iz-zmien mahsub fl-artikolu 66B (a) m’ghaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna mizzewwga illi talbet id-divorzju ma tkunx hallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-Qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni u li kemm il-darba t-talba tad-divorzju tintlaqa’, tkun aktar difficili ghall-istess parti l-ohra li tikseb il-hlas tal-manteniment. Il-Qorti m’ghandhiex tilqa’ t-talba ghad-divorzju kemm il-darba xi wahda minn dawn l-eccezzjonijiet jigu murija li huma tajba.***

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet isseparaw skond sentenza tal-Appell datata 28 ta’ Settembru, 2012[6] u ghalhekk jista’ jinghad b’ certezza li ghadda l-perjodu ta’ erba’ snin minn meta sseparaw.

---

[6] Ara Dok.B a fol.4 tal-process.

Mill-provi jidher car ukoll li ma jidhirx li hemm cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dan stante li ghadhom qed jikkombattu fuq l-istess decizjoni ta' separazzjoni.

Il-ligi hija cara, biex tinghata sentenza li tholl iz-zwieg, jehtieg li jigi soddisfatt rekwizit iehor u cioe' dak li ma jezistu l-ebda pendenzi ta' manteniment skond il-kuntratt ta'separazzjoni jew skond is-sentenza.

L-intimata qed tikkontesta din it-talba ghall-hall taz-zwieg peress li ghad hemm pendenzi ta' hlasijiet li ghad irid jaghmel ir-rikorrent in ezekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Settembru, 2012. Issemmi li hemm arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma u li hemm ukoll cedola ta' depozitu li pprezenta r-rikorrent il-Qorti minhabba xi ekwiparazzjoni li kienet dovuta minnu skond is-sentenza fuq imsemmija. L-intimata ssemmi ukoll il-kont li kien hemm mal-Natwest Bank li kellu jigi diviz bejniethom u kien zbanka l-flus ir-rikorrent. Tghid ukoll illi r-rikorrent ma kienx hallas l-ispejjes tal-kawza.

Hawn l-intimata qed topponi ghad-divorzju abbazi ta' talbiet li jikkoncernaw il-mod kif gie likwidat il-komunjoni tal-akkwisti. L-intimata ma ssemmi xejn dwar manteniment jew ahjar arretrati ta' manteniment, kif tirrikjedi l-ligi. Il-ligi hija cara, divorzju jista' jigi oppost fejn jigi pppruvat li hemm pendenzi ta' hlasijiet fuq manteniment, imma bl-ebda mod id-definizzjoni ta' manteniment tista' tigi estiza b'mod daqshekk wiesgha biex tikkomprendi fiha anke nuqqas ta' hlasijiet ta' debiti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Meta l-intimata qed titlob hlasijiet ta' ekwiparazzjoni rizultanti mill-komunjoni tal-akkwisti, hlasijiet ta' arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma, u sehemha minn kont bankjarju, bl-ebda mod ma jista' jigi intiz li qed titlob ghall-hlasijiet ta' manteniment.

Oltre minn hekk, il-Qorti tal-Appell laqqghet l-aggravju tar-rikorrent meta appella mis-sentenza ta' separazzjoni. It-tieni aggravju kien "***jirrelata ghall-fatt li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas ghall-mara personalment is-somma globali ta' €19,800 bhala manteniment ghaliha u dan meta l-konvenuta ma pprezentat ebda talba ghall-manteniment ghaliha. L-ewwel qorti akkordat dan il-manteniment ghax qalet li l-obbligu tal-hlas jirrizulta ex lege u, ghalhekk, il-Qorti setghet tipprovdi ghal dan anke fin-nuqqas ta' talba."***

Fuq dan l-aggravju, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet hekk:-

***"Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument tal-ewwel Qorti. Li mara ghandha dritt ghal manteniment minghand zewgha taht certi cirkostanzi hu minnu, pero', jekk hi trid manteniment trid titlob lill-Qorti tillikwidalha somma ghal dan il-ghan, u jekk ma ssirx talba specifika, din il-Qorti ma tistax hi minn jedda tordna l-hlas ta' manteniment. Il-konvenuta ma ressqitx kontro talba f'dawn l-atti, u l-ewwel Qorti, bhal kull qorti ohra, hi marbuta bit-talbiet kif dedotti u ma tistax tmur oltre. Il-fatt li l-attur talab lill-Qorti taghti ukoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni, ma jistax jigi uzat mill-konvenuta biex tiehu kundanna tal-attur ghall-hlas ta' manteniment. L-attur talab mill-Qorti certi ordnijiet specifici, u talab ukoll li, in relazzjoni mat-talbiet tieghu, il-Qorti taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa; din it-talba hi accessorja ghal u marbuta mat-talbiet tal-attur, u ma tistax tintuza a vantagg tal-kontro-parti……Hawn pero' si tratta minn mara adulta u sanis mentis, u la din ma talbitx manteniment minghand zewgha, ma jistax jinghata, almenu mhux f'dawn il-proceduri. "***[7]

Ghalhekk il-Qorti tal-Appell spiccat biex laqghet l-aggravju tar-rikorrent.

---

[7] Ara fol.21 u 22 tal-process.

Kif l-intimata lanqas biss ghamlet talba ghall-manteniment, kif ben accennat il-Qorti tal-Appell, kif issa l-intimata qed tippretendi li topponi ghad-divorzju minhabba arretrati ta' hlasijiet ta' dak li gie llikwidat mal-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti! Dan imur ferm oltre dak li huwa specifikat fil-ligi li tirregola l-hall taz-zwieg.

Ghalhekk, l-ahhar rekwizit sabiex tigi milqugha t-talba tar-rikorrent hija ppruvata soddisfacentement, ghaliex l-intimata, kif kienet msawwra l-kawza ta' separazzjoni, naqset li titlob ghall-manteniment u dan kif gie kkonfermat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 28 ta' Settembru, 2012 u ghaldaqstant ir-rikorrent qatt ma seta' jkun moruz fil-pagamenti tal-istess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex jigi rregistrat fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

Spejjez jibqghu a karigu tal-intimata.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**